VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 453 tal-2011

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni tal-2011 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2011 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru 3). Titolu.

2. L-art deskritta fl-artikolu 4 hija b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet. Art speċifikata.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 4 għandhom b'seħħ mill-1 ta' Ġunju, 2011 jitqiesu li bdew jitwettqu minn Malta Industrial Parks Limited (C 28965) kif provdut fl-imsemmi artikolu 2 tal-Ordinanza. Jum stabbilit.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni tikkonsisti f'biċċa art, inkluż kull bini li hemm fuqha, ġewwa Ħal Far, li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 9C_92-A kif ukoll biċċa art oħra, inkluż kull bini li hemm fuqha, ukoll ġewwa Ħal Far, li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 9B_92_A, li ġew transunti fl-atti tan-Nutar Diana Charles permezz ta' att pubbliku tat-18 ta' Mejju, 2011. Deskrizzjoni.